# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 379/2015**

Il-Pulizija

vs

**Kevin Spiteri**

iben Albert, imwieled Pieta', fit-18 ta' Mejju, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 258678(M)

Illum, 14 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kevin Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fid-19 ta' April, 2004 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi

(G.N.292 ta' l-1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Fl-istess zminijiet kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Lulju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat
it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 8(c), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292 ta' l-1939 u l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, b'dan illi kif inghad izjed il'fuq, l-imputazzjoni (b) giet kkunsidrata bhala kompriza u nvoluta fl-imputazzjoni (a), u ikkundannatu fir-rigward tal-imputazzjoni (a), ghall-piena ta' **disa' (9) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro** (**€750)** li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 446, qeghded lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tmintax-il (18) xahar mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan sabiex jigi assigurat illi l-hati jinghata l-ghajnuna kollha necessarja waqt u wara li jiskonta l-piena karcerarja moghtija b'din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-*Probation*, kif ukoll jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet fl-istess Ordni.

Il-Qorti ma kkundannatx lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi l-espert forensiku, l-Ispizjar Mario Mifsud, kien gie nominat fl-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u ir-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li tifforma parti mir-relazzjoni tal-espert, l-Ispizjar Mario Mifsud, ezebita a fol. 32 tal-process, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-*

*verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat l-konfiska tas-somma ta' hamsin Lira Maltin (Lm50), formanti parti mid-Dokument NC, favur il-Gvern ta' Malta u ir-rilaxx tar-rimanenti somma ta' hames mija, tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm588), ukoll formanti parti mill-istess dokument, favur il-hati.

Attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti li l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz ghajnuna psikologika u psikjatrika skont il-htigijiet tieghu u ir-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti nvoluti prezentement fil-kura tieghu.

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u lid-Direttur tal-Habs.

Rat ir-rikors tal-appellant Kevin Spiteri  pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tordna li l-piena effettiva ta' disa' xhur habs ma tigix skontata gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, imma tigi skontata gewwa l-isptar Monte Carmeli.

Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar id-9 ta' Lulju, 2015.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi b' kull dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi.

Illi l-ewwel Qorti qieset ix-xhieda ta' l-esponenti tad-29 ta' Marzu, 2010, fejn qal illi kien juza l-eroina bhala medicina sabiex inehhi l-ugigh.

Illi l-ewwel Qorti qieset ukoll ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit, ezebit minnha fis-16 ta' Jannar, 2012, mnejn irrizulta illi fis-sena 2006, l-esponenti kien beda

jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga gewwa l-Komunita Santa Marija, mil-liema programm huwa hareg fl-10 ta' April 2007. Qieset ukoll il-fatt illi l-esponenti baqa jaghti kampjuni ta' l-urina b' mod regolari gewwa d-Detox Outpatiens, u illi dejjem irrizulataw negattivi ghal kwalunkwe drogi. Qieset ukoll illi l-esponenti anke waqaf jiehu l-methadone u baqa' stabbli wara li nghata l-medicini appositi ghad-disabilitajiet fizici kif ukoll psikologici illi huwa jsoffri minnhom.

Illi l-ewwel Qorti qieset ukoll illi l-esponenti tkellmet ukoll mal-konsulent psikjatriku ta' l-esponenti, illi kien informaha li l-esponenti kien qieghed ibati minn post traumatic stress disorder. Ikkunsidrat ukoll id-deposizzjoni ta' l-istess Dr Anthony Dimech a fol 135 et seq.

Illi l-ewwel Qorti qieset ukoll illi l-probation officer irrakkomandat illi l-esponenti jinghata piena fil-minimu filwaqt illi jkompli jibbenefika min kura ta' psikjatra sabiex jitkompla l-process ta' stabilita u jigu indirizzati I-problemi psikologici prezenti.

Illi fil-mori tal-proceduri l-esponenti ipprezenta zewg rapporti minn esperti medici: wiehed ta' Dr Ivan Esposito, illi kkonferma li l-esponenti ghandu dizabilita fizika permanenti ta' 20%, liema dizabilita hija wahda degenerattiva; u iehor ta' Dr Peter Muscat, illi kkonferma illi l-esponenti ghandu dizabilita psikjatrika permanenti ta' 40%, liema dizabilita tikkonsisti f'ugigh ta' ras kronika u sturdamenti, short term memory loss, nuqqas ta' koncentrazzjoni, episodji ta' dipressjoni, post traumatic stress disorder u obsessive behavior.

Illi fil-fatt, issa zviluppa kundizzjoni maghrufa bhala tinnitus, illi qieghed jigi investigat ghaliha prezentement, u kien ghalhekk illi l-esponenti ma setax jattendi l-Qorti ghas-seduta tas-26 ta' Gunju, 2015. IlIi din il-kundizzjoni zviluppat minhabba l-hsara illi l-esponenti soffra f' rasu kagun ta' l-incident.

Illi tenut kont ta' dan kollu ma jkunx idoneju illi l-esponenti jiskonta l-piena ta' prigunerija gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva li l-uniku aggravju tal-appellant hu li qed jitlob lil din il-Qorti biex hu jiskonta s-sentenza nflitta gewwa l-Ispatar Monte Carmeli u mhux fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Illi jigu rilevat li l-appellant ipprezenta r-rikors tieghu fis-16 ta' Lulju, 2015. Minn dak iz-zmien sal-lum, gurnata meta qed tinghata s-sentenza, inbidlu teoriji u anki l-ligi in materja.

Illi l-ewwel oggett li tirrileva din il-Qorti hu li meta saret it-tfittxija fir-residenza tal-appellant instabu 16.634 grammi cannabis u 2.045 grammi eroina. Fil-fatt bil-linji gwida ntrodotti bl-Att XXIV ta' l-2014 ghall-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikati fil-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta l-appellant ghandu jibbenefika.

Illi hu mportanti li dan il-kaz jigi analizzat kif kellu l-bidu tieghu.

Illi l-appellant fis-sena 1998 kellu ncident stradali. Hu kien riekeb mutur u van baqa' diehel go fih. Hu qatta' hames gimghat l-isptar. Konsegwenza ta' dan l-incident l-appellant qatta hin twil ghar-riabiltazzjoni tieghu u kellu jerga jigi mghallem kif jimxi fost feriti ohra li garrab f'gismu. Mr Ivan Esposito, konsulent, hu tal-fehma li l-appellant ghandu dizabilita' permanenti ta' 20 fil-mija. Min-naha tieghu Dr. Peter Muscat, consultant psychiatrist, hu tal-fehma li l-appellant ghandu 40 fil-mija "combined psychiatric disability". Sal-lum, l-appellant ighix mal-familja u ma jistax jahdem. Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghax-xhieda ta' Dr. Anthony Dimech, consultant psychiatrist, li ilu jseqwih mis-sena 2010 fejn fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Mejju, 2018 ighid li l-appellant ghadu jbaghti b'dak li gara ghoxrin sena ilu. Inoltre, hu xehed li l-appellant m'ghadux dipendenti fuq id-droga. Persuna ohra li tifa dawl fuq il-hajja post-incident tal-

appellant hi Vicky Scicluna li ilha ssegwih mis-sena 2003 u offriet ix-xhieda taghha quddiem l-ewwel Qorti fit-3 ta' Dicembru, 2013. Hi spjegat dak li garrab u id-diffikulta' biex jaccetta l-istat tieghu. Xehdet li hu segwa programm ghar-riabilitazzjoni tieghu kontra l-vizzju tad-droga fis-sena 2007 u xehdet li ghada ssegwih. Fil-qosor dan hu x-xenarju mediku u socjali li ghandha quddiemha din il-Qorti.

Illi l-appellant kemm fl-istqarrija tieghu u fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti dejjem kien konsistenti. Hu ighid li kien fuq il-panadols minhabba l-ugigh kostanti li kellu. Darba minnhom habib tieghu ssugerilu li jibda jiehu l-eroina biex itaffi akatr l-ugigh, minhabba li fiha l-morphina. Fil-fatt, hu beda jiehu d-droga eroina u d-dipendenza tieghu bdiet minn hemm. Hu ma kienx qed jahdem jew jircievi ghajnuna socjali u ghalhekk beda jbiegh l-eroina biex ikun jista' jmanti l-istock tieghu. L-ufficjal prosekutur kien informa l-Qorti li l-appellant kien ikkopera mal-pulizija mal-ewwel. L-appellant dejjem sostna li kien qed jiehu l-eroina bhala 'self medication'.

Illi meta wiehed janalizza x-xenarju kollu jinduna li l-appellant waqa f'dan il-vizzju minhabba l-incident li hu garrab. Wiehed ghandu jifli wkoll l-percentagg ta' disabilita' li ghandu konsegwenza ta' dan il-fatt u dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Ragel li ma kellhu ebda problema fizika, li kien jilghab il-football, li kellhu xoghol stabbli spicca li tilef kollox.

Illi hu minnu li l-appellant kiser il-ligi izda l-fatturi kollha li gew analizzati hawn fuq kellhom importanza notevoli kif zviluppat il-hajja tieghu.

Illi l-aggravju tal-appellant hu limitat ghal dak li ntqal hawn fuq izda din il-Qorti ma tistax ma tqajjimx din il-problematika, jekk din il-Qorti trid tasal ghal-decizjoni gusta u ekwa.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-appellant ghandu jigi mghejun iqum fuq saqajh u jinghata opportunita'. Dan hu kaz specjali u partikolari hafna fejn persuna giet immarkata ghal hajjitha u kisret il-ligi ghaliex genwinament hasset li b'hekk qed tghin lilha nnifsiha. Illum, hemm kwadru kompletament mibdul u l-appellant ilu snin ma jabbuza mid-

droga, jiehu l-medicini li qed jippreskrivulu t-tobba u rega ntegra ruhu mal-familja wara perjodu twil fejn hu kien telaq mid-dar u kien mar ighix ghar-rasu f'garage wahdu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijet din il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena karcerarja qed tapplika l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta billi tqieghed lil Kevin Spiteri taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.  Il-kumplament tas-sentenza appellata tibqa fis-sehh.